# YOM KIPPUR

Prayer Spaces in Schools Malta

Qatt iċċelebrajt festa importanti flimkien mal-kumplament tal-komunità tal-Knisja? Festa importanti li tiċċelebra l-komunità Lhudija hija l-Yom Kippur. F'din il-festa, jixgħelu x-xemgħat u wara li jbierku lil Alla, isumu, jitolbu u jimmeditaw fuq l-affarijiet tajbin u oħrajn ħżiena li jkunu għamlu matul is-sena. Waqt li jitolbu lil Alla biex jaħfrilhom, huma jwiegħduH li se jagħmlu kulma jistgħu biex ma jerġgħux. Bħalhom inti mistieden biex:

- **Tixgħel xemgħa minn dawn pprovduti.**
- **Ħares fiss lejn il-fjamma u bierek lil Alla bħala Mulej, Sultan tal-univers li jagħtina l-ħajja u jsostnina.**
- **Ħu ftit ħin biex taħseb dwar it-tajjeb u l-ħażin li għamilt matul din is-sena.**
- **Itlob lil Alla biex jaħfirlek u waqt li titfi x-xemgħa wegħdu li se tagħmel kulma tista' biex ma tirrepetix dawn id-dnubiet. Tista' wkoll tipprepara biex tqerr.**